KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

# It-9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 13/25**

6 t' Ottubru 2025

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Speranza Chircop - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**13.25.1 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

13.25.1.1 Ma kienx hemm.

**13.25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

13.25.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 13.25 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

13.25.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sur Christopher Bruno u sekondati mis-Sa Speranza Chricop, il-Minuti ta' seduta 13.25 ġew approvati unanimament.

13.25.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokumenti korretti.

**13.25.3 Punti mill-Minuti Preċedenti**

8.25.4.8 **Ix-Xelter F'Tarag San Ġużepp**

Is-Sindku tkellem dwar l-istadju li tinsab l-applikazzjoni dwar id-devoluzzjoni tax-Xelter f'Taraġ San Ġużepp. Il-Kunsill qiegħed jistenna l-eżitu tal-applikazzjoni mingħand l-Awtorita` tal-Artijiet.

10.25.4.1 **Trejqet iċ-Ċimiterju**

Is-Sindku provda spjegazzjoni dettaljata dwar il-proġett fi Trejqet iċ-Ċimiterju. Huwa żied jgħid illi wara li ġiet sottomessa l-applikazzjoni quddiem l-Awtorita` tal-Ipjannar, il-Perit ser ikun qiegħed jikkorrespondi mal-istess Awtorita` u entitajiet oħra sabiex jiġu ottenuti l-permess meħtieġa.

12.25.4.2 **Studju dwar l-Impatt Soċjali kkummisjonat mill-Kunsill Reġjonali (Open Libraries)**

Is-Sindku semma' illi l-proposta tal-Open Libraries kien waħda ta' suċċess tant li semmiet bħala eżempju matul l-Annual General Meeting tar-Reġjun Port. Ir-Reġjun Port kien approva s-sottomissjoni tal-Open Libraries u għalhekk il-Kunsill ħareġ sejħa ta' interess biex tiġu provduta l-aħjar offerta.

Il-Kunsill qabel li dawn l-Open Libraries jiġu nsallati matul Jum il-Kalkara u ġie ssuġġerita li jiġu nawgurati mit-tfal stess.. Aktar `il quddiem, ser jiġi diskuss il-post tal-inawgurazzjoni.

12.25.4.4 **Pet Walk**

Għat-tieni sena konsekuttiva, il-Kunsill organizza l-attivita` tal-Pet Walk 2025. Din l-attivita' kompliet tibni fuq is-suċċess tas-sena preċedenti fejn il-parteċipazzjoni kienet waħda ta' success.

12.25.4.7 **Ħsara fil-Van Kommunitarju**

Is-Sindku nforma li l-vettura li tintuża għall-kommunita` u li kienet għat-tiswija issa tinsab għas-servizz mill-ġdid.

12.25.4.8 **Ħsara fis-Saqaf tal-Living Room tal-Anzjani**

Is-Sindku kkomunika mal-Kunsill illi l-ħaddiema tal-Kunsill lestew it-tiswijiet neċessarji fis-saqaf tal-Living Room tal-Anzjani.

**13.25.4** **<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

13.25.4.1 **Fondi mill-Iskema tal-Lokalitajiet Aktar Nodfa bl-Installazzjoni ta' 5 Dog Bins**

Matul il-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, kien ġie diskuss l-postijiet fejn hemm bżonn li jiġu nsallati ħames dog bins madwar il-Kalkara. Il-spejjeż ta' dawn il-bins ser ikunu koperti mill-iskema 'Lokalitajiet Aktar Nodfa'.

Il-Kunsill qabel illi dawn id-dog bins għandhom jitwaħħlu fi Triq Matthew Sultana, Triq Missjoni Taliana ħdejn il-Ground tal-Football, fi Triq ix-Xatt ħdejn il-Ġnien tas-Salvatur, Fort Rinella u ieħor qrib il-Kunvent tal-Kapuċċini.

13.25.4.2 **Community Working Scheme**

Is-Sindku informa illi ħaddiem mill-Community Workers Scheme li jagħmel xogħol ta' manutenzjoni talab trasferiment għall-post tax-xogħol ieħor filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi persuna oħra xtaqet tingħaqad mal-Kunsill. Is-Sindku ikkonferma illi l-salarju ta' dawn l-impjegati toħroġ mill-Communtiy Workers Scheme.

13.25.4.3 **Kuntratt Ġdid Għal-Librar minn Malta Libraries**

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Malta Libraries flimkien ma' kuntratt ġdid għal rigward l-impjieġ ta' Librar. Il-kuntratt jistabilixxi l-kundizzjonijiet tal-librar inkluż is-salarju tiegħu sa massimu ta' 4 siegħat fil-ġimgħa.

Is-Sindku tkellem dwar is-servizz tal-Librerija Pubblika fil-Kalkara u l-ħinijiet tal-ftuħ li huma mit-Tnejn sal-Ġimgħa filgħodu sa nofsinhar u nhar ta' Tlieta u Ħamis mill-5pm sas-7pm. Matul il-ġimgħa filgħodu, il-librerija tieħu ħsiebha impjegata mill-Community Workers Scheme filwaqt li wara nofsinhar ikun hemm il-librar li huma mħallas mill-Malta Libraries.

Is-Sindku rrimarka illi bħalissa ma tinħasx il-ħtieġa li jkun hemm xi tibdil fil-ħinijiet tal-ftuħ peress li s-servizz qiegħed jingħata tajjeb. Filwaqt li s-Sa

Sultana xtaqet jekk il-librerija tistax tinfetaħ is-Sibt filgħodu u b'hekk jitnaqqas il-ħin ta' matul il-ġimgħa.

13.25.4.4 **Jum il-Kalkara**

Is-Sindku fakkar li matul dawn iż-żminijiet jinfetħu n-nominazzjonjiet għall-Jum il-Kalkara. Bħal ma sar fis-snin preċedenti, l-applikazzjonjiet ser jibqgħu miftuħin sa mhux aktar tard mil-laqgħa tal-Kunsill li ssir f'Novembru ħalli l-Kunsill ikun jista' jagħmel l-għażla tiegħu. Is-Sindku żied jgħid illi ma tinħasx il-ħtieġa li jkun hemm tibdil fil-linja gwida fuq in-nomina tal-applikant u l-għażla tiegħu.Fakkart ukoll li bħala Kunsilliera m'għandhomx id-dritt li jinnominaw persuna jew jinnominaw lilhom infushom.

12.25.5.1 **Kwisitjoni Dwar il-Fatturi Pendenti dwar il-Ġbir ta' Skart**

Il-kwistjoni dwar il-fatturi pendenti dwar il-ġbir ta' skart kienet diskussa fil-laqgħat preċedenti. Filfatt, il-Kunsill żamm 3 fatturi pendenti tas-sena 2024 fejn ir-Reġjun Port għandu jieħu madwar €30,000.

Skont il-korrispondenza preċendenti li kien bagħat is-Segrertarju Eżekuttiv lir-Reġjun Port juri li din is-sitwzzjoni poġġiet il-finanzji tal-Kunsill fi stata diffiċli. Is-Sindku ġab eżempju billi qal illi jekk id-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali allokat €100,000 għall-ġbir ta' skart għas-sena 2024 u l-fattur provduti mir-Reġjun kienu ta' €140,000 għall-istess stena, il-Kunsill qed jispiċċa b'telf ta' €40,000. Dan ġie nnutat wara li f'Novembru 2024, kienet saret verifika mir-Reġjun Port meta saret on-site inspection fuq il-kollettur tal-iskart fejn irriżulta li t-tunnellati naqsu b'mod drastiku fix-xhur susseqwenti.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jipprepara rapport dwar it-tunellati ta' skart miġbura skont kif irrapurtat mir-Reġjun Port u joħroġ is-diskrepanzi li ġew innutati fejn juri li l-Kunsill ġie żvantaġġat. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab ukoll jieħu parir legali fuq dan ir-rigward.

13.25.4.5 **Xogħolijiet relatati mas-Sistema tal-Ilma tax-Xita fi Triq San Mikiel**

Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni kurrenti fi Triq San Mikiel meta tagħmel ix-xita. Semma' wkoll li meta tagħmel ħafna xita, l-ilma jinżel mit-taraġ li Triq is-Sienja u jibqa' nieżel fi Triq San Mikiel tant li qed tispiċċa żżomm ħafna ilma. Għal diversi drabi intalab l-intervent tal-Water Works u b'konklużjoni li hemm xi residenzi li għandhom id-drain tagħhom mqabbad mas-sistema tal-ilma tax-xita. B'riżultat ta' dan, din it-triq qed iżżid il-problema eżistenti.

Għalhekk saret laqgħa fuq il-lant mal-Perit tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni għal din il-problema li ilha għaddejja għal diversi snin. Il-Perit tal-Kunsill ser joħroħ stima tal-ispejjeż għax-xogħolijiet neċessarji.

13.25.4.6 **Aspett Finanzjarju ta' Villa Portelli,li-Parti Devoluta lill-Kunsill**

Is-Sindku talab li tiġi diskussa l-finanzjament ta' Villa Portelli, il-parti devoluta lill-Kunsill. Bħalissa, il-Kunsill qed iħallas il-kirja ta' din il-binja fejn fl-aħħar ġimgħat, il-Perit tal-Kunsill ipprepara il-Bill of Quantities (BOQ) u l-

istima tal-ispejjeż sabiex tiġi renovata din il-binja li tinkudi tibdil ta' soqfa u bini ta' ċint u jiġi nstallat lift ġdid u xogħolijiet oħra neċesarji. L-ispiża għar-renovazzjoni ser tkun ta' €300,000. Dan huwa kkunsidrat proġett kbir fejn il-Kunsill jixraqlu li jkollu binja amministrattiva idonea. Is-Sur Bruno semma' Kunsilli oħrajn bħal Fgura, Birgu u Bormla kienu ottjenew fondi appożitu sabiex ikollhom binja ammistrattiva aktar moderna.

Is-Sindku semma' li riċentement huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-Kunsill għamlu laqgħa mal-Awtorita` tal-Ipjannar ħalli jiġi esplorati id-Development Planning Fund (DPF). L-Awtorita` infurmati li bħalissa il-Kunsill tal-Kalkara jista' jagħmel użu minn €494,000. Dan it-tip ta' fond jista' jintuża għal ċertu xogħolijiet infrastrutturali. Il-laqgħa mal-Awtorita` tal-Ipjannar kienet wiaħda pożittiva. Għalhekk is-Sindku qiegħed jipproponi li l-Kunsill iwarrab l-ispiża għar-renovazzjoni ta' Villa Portelli minn dan il-fond.

Il-Kunsill unanimament qabel li japplika għad-DPF biex ikun jista' l-proċess għall-finanzjament.

**13.25.5 Korrispondenza**

13.25.5.1 **Ħatra ta' Aġent Segretarju**

Is-Sindku rċieva korrispondenza mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali dwar il-Ħatra ta' Aġent Segretarju tas-Sur Scicluna. Is-Sur Scicluna ser jibqa' jokkupa din il-kariga sakemm il-Kunsill ikollu Segretarju Eżekuttiv *full-time.*

13.25.5.2 **Installazzjoni ta' MaltaPost jinstallaw Easipik Locker**

Il-Maltapost bagħtet korrispondenza dwar interess għall-installazzjoni ta' self service lockers magħrufa bħala Easipik ġewwa l-Kalkara. Dawn is-self service lockers jkollhom bżonn konnessjoni tad-dawl biex jaħdmu.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-installazzjoni tagħhom fejn dawn ser jitwaħħlu viċin il-Kunsill.

13.25.5.3 **Ismijiet tat-Toroq Ġodda – It-Tielet Fażi**

Is-Sindku tkellem dwar l-aħħar darba fejn saru l-ismijiet ġodda tat-toroq li kien fis-sena 2021. Dan il-proċess kien jinkludi wkoll n-numri tal-residenti fi Triq il-Proġress li sar bil-kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara. Għalhekk is-Sindku ser jlaqqa' l-Kunsill biex jiddiskutu din it-tielet fażi.

**13.25.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

Is-Sa Speranza Chircop

13.25.6.1 Is-Sa Chircop ser torganizza serata għall-anzjani fil-15 ta' Diċembru 2025.

13.25.6.2 Is-Sa Chircop ser torganizza kors tal-*crafts* fix-xahar ta' Novembru bejn 10am u l-10.30am.

13.25.6.3 Is-Sa Chircop ser torganizza ħarġa kulturali fil-21 t'Ottubru ġewwa l-Fortizza ta' Delimara.

Is-Sa Maria Sultana

13.25.6.4 Is-Sa Sultana infrumat li fit-23 ta' Settembru saret il-laqgħa mal-Assistant Head tal-Iskola dwar it-trasport tat-tfal. Hija żiedet tgħid li l-laqgħa kienet kordjali ħafna fejn kien hemm preżenti l-iSchool Grannies. Tul il-laqgħa ġie diskuss lilhom l-irwol tagħhom. Waħda mill-materji diskussi kienet illi meta tagħmel ix-xita, l-iSchool Grannies qed jispiċċaw fix-xita. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandha tiġi provduta rain jacket lil kull School Granny.

13.25.6.5 Is-Sa Sultana ikoouminkat il-ġranet tal-laqgħat tal-Kunsill tat-Tfal li huma: 24 ta' Settembru,13 t'Ottubru, 1 ta' Novembru u 17 ta' Diċembru 2025. Is-Sa Sultana flimkien mas-Sindku qablu li jingħata/jitqassam fuljett lill-ġenituri tat-tfal tal-iskola dwar il-laqgħat bid-dati tal-Kunsill tat-Tfal sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tat-tfal f'dawn il-laqgħat.

13.25.6.6 Is-Sa Sultana tkellmet dwar il-luzzu li jinsab abbandunat fl-iskola u nnutat il-korrispondenza tas-Sindku bejn is-Sur Joe Mizzi, Chairperson tal-Fondazzjoni Kottonera.

13.25.6.7 Is-Sa Sultana semmiet li ser tiġi organizzata *bake sale* fl-iskola biex permezz tagħha tingħata donazzjoni lill-Għaqda ta' Puttinu Cares.

**13.25.7 Punti Ġenerali**

Ma kienx hemm.

**13.25.8 Mistoqsijiet lis-Sindku**

13.25.8.1 Is-Sa Chircop staqsiet lis-Sindku dwar il-possibilita` biex isiru s-sinjali tal-*parking bays* bil-kaxxi Triq ix-Xatt man-naħa tar-residenti.

Is-Sindku wieġeb li dawn il-parking bays bil-kaxxi għadhom ma sarux minħabba li qed jistenna li jiġi kompletat l-iżvilupp tal-Boutique Hotel max-Xatt ħalli l-parkeġġi jitqassmu aħjar.

13.25.8.2 Is-Sa Chircop staqsiet jekk il-kameras tas-sigurta' hux qed jaħdmu in-naħa tal-Viri's Take Away.

Is-Sindku wieġeb li dawn il-kameras qegħdin jaħdmu.

**13.25.9 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm.

**13.25.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sa Maria Sultana ssekondata mis-Sa Speranza Chircop, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**13.25.11** **<u>Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss</u>**

Is-seduta ntemmet fl-7.05pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru 2025, fil-5.30pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 10 ta' Novembru 2025

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**